Digriet tal-Qorti Ġenerali tas-27 ta' Settembru 2010 — Hidalgo vs UASI — Bodegas Hidalgo — La Gitana (HIDALGO)

(Kawża T-365/08) [1]

("Trade mark Komunitarja — Annullament tar-reġistrazzjoni tat-trade mark nazzjonali insostenn tal-oppożizzjoni — Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni")

(2010/C 317/58)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Partijiet

Rikorrenti: Emilio Hidalgo, SA (Jerez de la Frontera, Spanja) (rappreżentant: M. Esteve Sanz, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: J. Crespo Carrillo, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Bodegas Hidalgo — La Gitana, SA (Sanlucar de Barrameda, Spanja) (rappreżentanti: S. Rivero Galán, J.M. Sanjuán de Coca, avukati)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI, tal-11 ta' Ġunju 2008 (Każ R 1329/2007-4), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Emilio Hidalgo SA u Bodegas Hidalgo — La Gitana SA.

Dispożittiv

(1) *Ma hemmx iktar lok li tingħata deċiżjoni dwar ir-rikors*

(2) *Kull waħda mill-partijiet għandha tbati l-ispejjeż tagħha.*

[1] ĠU C 272, 25.10.2008.

Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-24 ta' Settembru 2010 — Kerstens vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-498/09 P) [1]

("Appell — Servizz pubbliku — Uffiċjali — Promozzjoni — Proċedura ta' promozzjoni 2005 — Għoti ta' punti ta' prijorità — Oneru tal-prova — Drittijiet tad-difiża — Appell parzjalment manifestament inammissibbli u parzjalment manifestament infondat")

(2010/C 317/59)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Appellant: Petrus Kerstens (Overijse, il-Belġju) (rappreżentant: C. Mourato, avukat)

Appellata: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: C. Berardis-Kayser u G. Berscheid, aġenti, assistiti minn B. Wägenbaur, avukat)

Suġġett

Appell mis-sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea (It-Tieni Awla) tad-29 ta' Settembru 2009, Kerstens vs Il-Kummissjoni (F-102/07, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra) għall-annullament ta' din is-sentenza.

Dispożittiv

(1) *L-appell huwa miċħud.*

(2) *P. Kerstens għandu jbati l-ispejjeż tiegħu kif ukoll dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea fil-kuntest ta' din l-istanza.*

[1] ĠU C 51, 27.2.2010.

Rikors ippreżentat fit-12 ta' Settembru 2010 — Hamas vs Il-Kunsill

(Kawża T-400/10)

(2010/C 317/60)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: Hamas (rappreżentant: L. Glock, avukat)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

Talbiet tar-rikorrent

— tannulla l-Avviż tal-Kunsill C 188/13 datat 13 ta' Lulju 2010;

— tannulla d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/386/PESK tat-12 ta' Lulju 2010;

— tannulla r-Regolament ta' implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 610/2010 tat-12 ta' Lulju 2010;

— tikkundanna lill-Kunsill għall-ispejjeż kollha.

Motivi u argumenti prinċipali

Ir-rikorrenti titlob l-annullament tal-Avviż tal-Kunsill 2010/C 188/09 [1], tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/386/PESK [2], kif ukoll tar-Regolament ta' implimentazzjoni tal-Kunsill Nru 610/2010 [3], sa fejn l-isem tar-rikorrenti nżamm fuq il-lista

ta' persuni, gruppi u entitajiet li l-fondi u r-riżorsi ekonomiċi tagħhom huma ffriżati skont l-Artikoli 2, 3 u 4 tal-Pożizzjoni Komuni 2001/931/PESK ([4]) u l-Artikolu 2(3) tar-Regolament Nru 2580/2001 fil-kuntest tal-ġlieda kontra t-terroriżmu.

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka seba' motivi bbażati, għal dak li jirrigwarda l-Avviż tal-Kunsill 2010/C 188/09:

— fuq ksur tat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 297(2) TFUE sa fejn ir-rikorrenti ma rċevietx notifikazzjoni tal-imsemmi avviż u sempliċi komunikazzjoni fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ma tistax tiġi kkunsidrata bħala tali notifikazzjoni tal-att;

— fuq ksur tal-Artikolu 41(2)(b) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, peress illi l-imsemmi avviż kien kważi inaċċessibbli għar-rikorrenti;

— fuq ksur tal-Artikolu 6(3)(a) tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (KEDB) fir-rigward tad-dritt tal-akkużat li jiġi informat minnufih, b'lingwa li jifhem u fid-dettall, bin-natura u r-raġuni tal-akkuża kontra tiegħu;

u għal dak li jirrigwarda d-Deċiżjoni 2010/386/PESK u r-Regolament Nru 610/2010:

— fuq żball manifest ta' evalwazzjoni, peress li l-Hamas hija gvern elett b'mod leġittimu li ma tistax tiġi inkluża fil-lista ta' terroristi skont il-prinċipju ta' nuqqas ta' ndħil fi kwistjonijiet interni ta' Stat;

— fuq ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti minħabba l-ksur:

  — tad-drittijiet tad-difiża tagħha, kif ukoll tad-dritt għal aministrazzjoni tajba, peress li qabel ma ttieħdet id-deċiżjoni li r-rikorrenti tinżamm fuq il-lista ta' persuni, gruppi u entitajiet li l-fondi u r-riżorsi ekonomiċi tagħhom huma ffriżati ma ġewx ikkomunikati l-provi kontriha u r-rikorrenti ma ngħatatx l-opportunità tesprimi l-opinjoni tagħha fir-rigward ta' dawn il-provi b'mod utli; u

  — tad-dritt tagħha għall-proprjetà, sa fejn l-iffriżar tal-fondi tar-rikorrenti jikkostitwixxi restrizzjoni mhux ġustifikata tad-dritt tagħha għall-proprjetà;

— fuq ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni li jinsilet mill-Artikolu 296 TFUE, sa fejn il-Kunsill ma inkludiex motivazzjoni espliċita la fid-Deċiżjoni 2010/386/PESK, u lanqas fir-Regolament Nru 610/2010.

([1]) Avviż tal-Kunsill 2010/C 188/09, tat-13 ta' Lulju 2010, għall-attenzjoni tal-persuni, il-gruppi u l-entitajiet fil-lista prevista fl-Artikolu 2(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2580/2001 dwar miżuri restrittivi speċifiċi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet bil-għan li jiġi miġġieled it-terroriżmu (ĠU C 188, p. 13).

([2]) Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/386/PESK, tat-12 ta' Lulju 2010, li taġġorna l-lista ta' persuni, gruppi u entitajiet suġġetti għall-Artikoli 2, 3 u 4 tal-Pożizzjoni Komuni 2001/931/PESK dwar l-applikazzjoni ta' miżuri speċifiċi fil-ġlieda kontra t-terroriżmu (ĠU L 178, p. 28).

([3]) Regolament ta' implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 610/2010, tat-12 ta' Lulju 2010, li jimplimenta l-Artikolu 2(3) tar-Regolament (KE) Nru 2580/2001 dwar miżuri restrittivi speċifiċi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet bil-għan li jiġi miġġieled it-terroriżmu u li jħassar ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1285/2009 (ĠU L 178, p. 1).

([4]) Pożizzjoni Komuni tal-kunsill 2001/931/PESK, tas-27 ta' Diċembru 2001, dwar l-applikazzjoni ta' miżuri speċifiki fil-ġlieda kontra t-terroriżmu (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 18, Vol. 1, p. 217).

Rikors ippreżentat fl-14 ta' Settembru 2010 — Ir-Repubblika tal-Ungerija vs Il-Kummissjoni Ewropea

(Kawża T-407/10)

(2010/C 317/61)

Lingwa tal-kawża: l-Ungeriż

Partijiet

Rikorrenti: Ir-Repubblika tal-Ungerija (rappreżentanti: M. Fehér, K. Szíjjártó, bħala aġenti)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet tar-rikorrenti

— tannulla l-Artikolu 1(3) u (4), kif ukoll l-Anness II tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni, tat-8 ta' Lulju 2010, dwar il-proġett maġġuri msemmi "Bini mill-ġdid tal-linja tal-ferrovija Budapest-Kelenföld Székesfehérvár-Boba, l-ewwel taqsima, l-ewwel fażi", li jagħmel parti mill-programm operattiv "Trasport", li jipprevedi għajnuna strutturali fl-Ungerija permezz tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u tal-Fond ta' Koeżjoni, sa fejn dawn id-dispożizzjonijiet jiddefinixxu s-somma massima li fir-rigward tagħha hija applikabbli r-rata ta' kofinanzjament b'tali mod li jeskludu mill-ispejjeż eliġibbli ċerti spejjeż li jirrappreżentaw ħlasijiet tat-taxxa fuq il-valur miżjud.

— tikkundanna lill-Kummissjoni Ewropea għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Ir-rikorrenti tikkontesta parzjalment id-deċiżjoni mogħtija fit-8 ta' Lulju 2010 mill-Kummissjoni [nnotifikata bin-numru C(2010) 4593] dwar il-proġett maġġuri msemmi "Bini mill-ġdid tal-linja tal-ferrovija Budapest-Kelenföld Székesfehérvár-Boba, l-ewwel taqsima, l-ewwel fażi", u li jagħmel parti mill-programm operattiv "Trasport", li jipprevedi għajnuna strutturali mill-Unjoni fil-kuntest tal-objettiv "Konverġenza", permezz tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u tal-Fond ta' Koeżjoni. F'din id-deċiżjoni, il-Kummissjoni approvat il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u tal-Fond ta' Koeżjoni għall-proġett maġġuri inkwistjoni. Barra minn hekk, il-Kummissjoni kkunsidrat li l-ammont tat-taxxa fuq il-valur miżjud kumpensabbli ma setax jiġi inkluż fil-kalkolu tas-somma massima li fir-rigward tagħha għandha tiġi applikata r-rata ta' kofinanzjament prijoritarja tal-programm operattiv fil-każ tal-proġett maġġuri inkwistjoni.